// Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 316

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

4 ta' Novembru 2014

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1173/2014 tal-24 ta' Ottubru 2014 li jirreġistra denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet geografiċi protetti (Salama da sugo (IĠP))** ... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1174/2014 tal-24 ta' Ottubru 2014 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Piadina Romagnola/Piada Romagnola (IĠP)]** ... 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1175/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, f'dak li għandu x'jaqsam mal-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja u li jirrevoka r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 823/2010** ([1]) ... 4

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1176/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-rebekkini u r-raj fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona VIId minn bastimenti bil-bandiera tar-Renju Unit** ... 44

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1177/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għal-lingwata komuni fiż-żona VIIa minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda** ... 46

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-pollakkju iswed fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Isvezja** ... 48

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1179/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-bakkaljaw fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Isvezja** ... 50

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1180/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-bakkaljaw fiż-żona VIIa minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda** 52

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1181/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-rebekkini u r-raj fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju** ..... 54

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1182/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-rebekkini u r-raj fl-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żoni VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Pajjiżi l-Baxxi** ..... 56

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1183/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni għas-sajd għal-lingwata komuni fiż-żona VIIa minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju** ..... 58

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1184/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-pollakkju iswed fiż-żoni IIIa u IV; fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa, IIIb, IIIc, u fis-Sottodiviżjonijiet 22-32 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Isvezja** ..... 60

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1185/2014 tat-3 ta' Novembru 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 62

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1186/2014 tat-3 ta' Novembru 2014 li jistabbilixxi d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-4 ta' Novembru 2014 64

DEĊIŻJONIJIET

2014/773/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ottubru 2014 li tagħti derogi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja fir-rigward tal-Belġju, l-Irlanda, Franza, Malta, u l-Finlandja** *(notifikata bid-dokument C(2014) 7865)* 67

---

## Rettifika

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu** (ĠU L 179, 23.6.1998) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 4, Volum 3) ..... 69

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1173/2014

**tal-24 ta' Ottubru 2014**

**li jirreġistra denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet geografiċi protetti (Salama da sugo (IĠP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Italja għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Salama da sugo" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk id-denominazzjoni "Salama da sugo" għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni "Salama da sugo" (IĠP) hija rreġistrata.

Id-denominazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tidentifika prodott tal-Klassi 1.2. Prodotti li l-ingredjent prinċipali tagħhom huwa laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.) tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([3]).

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 178, 12.6.2014, p. 38.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Dacian CIOLOŞ
*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1174/2014

## tal-24 ta' Ottubru 2014

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Piadina Romagnola/Piada Romagnola (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Italja biex id-denominazzjoni "Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" tiddaħħal fir-reġistru, ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni "Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni "Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" (IĠP) hija rreġistrata.

Id-denominazzjoni li hemm referenza għaliha fl-ewwel paragrafu tidentifika prodott tal-klassi 2.3. Ħobż, għaġina, kejkijiet, ħelu, gallettini u prodotti oħra tal-furnara tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([3]).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Dacian CIOLOŞ

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 153, 21.5.2014, p. 9.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1175/2014**

**tat-30 ta' Ottubru 2014**

**li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, f'dak li għandu x'jaqsam mal-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja u li jirrevoka r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 823/2010**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja ([1]), u partikolarment l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika Ewropea dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 823/2010 ([2]) introduċa miżuri għat-twettiq ta' azzjonijiet individwali ta' statistika għall-produzzjoni ta' statistika dwar il-parteċipazzjoni ta' adulti fit-tagħlim tul il-ħajja kopert mit-Taqsima 2 tar-Regolament (KE) Nru 452/2008.

(3) Meta jipproduċu u jxerrdu l-istatistika Ewropea dwar il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja, l-awtoritajiet nazzjonali u tal-UE tal-istatistika għandhom iqisu l-prinċipji stipulati fil-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea approvat mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika f'Settembru 2011.

(4) Il-ġbir tad-dejta dwar il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja jeħtieġ li jiġi adattat b'mod regolari għall-bidliet u l-iżviluppi ġodda fit-tagħlim tul il-ħajja u sabiex iwieġeb għal ħtiġijiet ġodda ta' informazzjoni.

(5) Bil-ħsieb li tippromwovi livell għoli ta' armonizzazzjoni tar-riżultati tal-istħarriġ bejn pajjiż u ieħor, il-Kummissjoni għandha tabbozza linji gwida metodoloġiċi għall-implimentazzjoni tal-istħarriġ.

(6) Ir-Regolament (UE) Nru 823/2010 għandu għalhekk jiġi rrevokat.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema tal-Istatistika Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-ġbir tad-dejta għat-tieni stħarriġ dwar il-parteċipazzjoni jew le tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja (minn hawn 'l quddiem "It-Tieni Stħarriġ dwar l-Edukazzjoni tal-Adulti") għandu jsir bejn l-1 ta' Lulju 2016 u l-31 ta' Marzu 2017. Il-perjodu ta' referenza li għalih se tinġabar id-dejta dwar il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għandu jkun it-12-il xahar qabel l-intervista.

*Artikolu 2*

Il-firxa ta' etajiet tal-popolazzjoni koperta mill-istħarriġ għandha tkun 25-64. Il-gruppi ta' etajiet 18-24 u 65-69 għandhom jistgħu jiġu koperti fuq bażi fakultattiva.

([1]) ĠU L 145, 4.6.2008, p. 227.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 823/2010 tas-17 ta' Settembru 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, f'dak li għandu x'jaqsam mal-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja (ĠU L 246, 18.9.2010, p. 33).

*Artikolu 3*

Il-varjabbli li jikkonċernaw is-suġġetti koperti mit-Tieni Stħarriġ dwar l-Edukazzjoni tal-Adulti kif speċifikat fit-Taqsima 2 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 452/2008 u t-tqassim tagħhom għandhom ikunu kif stipulat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

Standards ta' teħid ta' kampjuni u ta' preċiżjoni meħtieġa sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti marbuta mas-sorsi ta' dejta u d-daqsijiet tal-kampjuni speċifikati fit-Taqsima 2 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 452/2008 għandhom jiġu stabbiliti kif imniżżel fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

L-Istati Membri għandhom jittrażmettu rapport standard dwar il-kwalità fir-rigward tat-Tieni Stħarriġ dwar l-Edukazzjoni tal-Adulti lill-Kummissjoni (Eurostat). L-istruttura tar-rapport għandha tkun konformi mal-Istandard tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, b'mod partikolari meta tqis il-kriterji ta' kwalità msemmija fl-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 452/2008 u r-rekwiżiti l-oħra stabbiliti fl-Anness III għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 6*

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu fajls tal-mikrodejta nodfa rigward it-Tieni Stħarriġ dwar l-Edukazzjoni tal-Adulti lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien sitt xhur wara tmiem il-perjodu nazzjonali tal-ġbir tad-dejta.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu r-rapport standard dwar il-kwalità fir-rigward tat-Tieni Stħarriġ dwar l-Edukazzjoni tal-Adulti lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien tliet xhur mill-wasla tal-fajls tal-mikrodejta.

*Artikolu 7*

Ir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament huma r-rekwiżiti minimi. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu rekwiżiti nazzjonali oħra rigward it-Tieni Stħarriġ dwar l-Edukazzjoni tal-Adulti, kemm il-darba jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 8*

Ir-Regolament (UE) Nru 823/2010 huwa rrevokat.

Ir-referenzi għar-Regolament revokat għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 9*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

**Fatturi varjabbli**

*Nota għat-tabella:*

Il-varjabbli kollha għandhom jiġu trażmessi. Id-dejta u l-metadejta msemmija fl-Artikolu 6 għandhom ikunu disponibbli għall-Eurostat permezz ta' Servizzi ta' Punt tad-Dħul Uniku. Il-kodiċijiet u l-listi ta' kodiċijiet fit-tabella hawn taħt huma indikattivi biss. Id-definizzjonijiet tal-istruttura tad-dejta u l-formati ta' trażmissjoni huma pprovduti mill-Kummissjoni (Eurostat).

1. **Informazzjoni ta' sfond dwar l-individwu**

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| **COUNTRY** | | **IL-PAJJIŻ TAR-RESIDENZA** | Kulħadd |
| | 2 ċifri | Abbażi tal-klassifika ISO tal-pajjiżi | |
| **REGION** | | **IR-REĠJUN TAR-RESIDENZA** | Kulħadd |
| | 2 ċifri | Kodiċi skont in-NUTS fil-livell ta' 2 ċifri | |
| **DEG_URB** | | **IL-LIVELL TA' URBANIZZAZZJONI TAŻ-ŻONA LI L-UNITÀ DOMESTIKA TGĦIX FIHA** | Kulħadd |
| | 1 | Żona b'densità għolja tal-popolazzjoni | |
| | 2 | Żona intermedja | |
| | 3 | Żona b'densità baxxa tal-popolazzjoni | |
| **REFYEAR** | | **IS-SENA TAL-INTERVISTA** | Kulħadd |
| | 4 ċifri | | |
| **REFMONTH** | | **IX-XAHAR TAL-INTERVISTA** | Kulħadd |
| | 1-12 | | |
| **RESPID** | | **L-IDENTIFIKAZZJONI TA' MIN WIEĠEB** | Kulħadd |
| | numeriku | Il-kodiċi tal-identifikazzjoni ta' kull rekord | |
| **RESPWEIGHT** | | **IL-FATTUR TA' DIFFERENZAZZJONI GĦALL-INDIVIDWI** | Kulħadd |
| | numeriku | Il-fattur ta' differenzazzjoni għall-individwi (bi 3 ċifri ta' deċimali sseparati b'punt) | |
| **NFEACTWEIGHT** | | **IL-FATTUR TA' DIFFERENZAZZJONI GĦAL ATTIVITAJIET MHUX FORMALI** | NFENUM ≥ 1 |
| | numeriku | Il-fattur ta' differenzazzjoni għall-attivitajiet mhux formali magħżula f'NFERAND1 u NFE-RAND2 (bi 3 ċifri ta' deċimali sseparati b'punt) | |
| | 0 | NFENUM = 0 | |

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| **INTMETHOD** | | **IL-METODU UŻAT GĦALL-ĠBIR TAD-DEJTA** | Kulħadd |
| | 10 | Verżjoni postali, mhux elettronika | |
| | 11 | Verżjoni elettronika u postali | |
| | 20 | Wiċċ imb 'wiċċ, verżjoni mhux elettronika | |
| | 21 | Wiċċ imb 'wiċċ, verżjoni elettronika | |
| | 30 | Telefown, verżjoni mhux elettronika | |
| | 31 | Telefown, verżjoni elettronika | |
| | 40 | Użu tal-internet | |
| | 50 | Mod ta' ġbir imħallat (eż. postali u intervista wiċċ imb'wiċċ) | |
| **(HHNBPERS)** | | **L-GĦADD TA' PERSUNI LI JGĦIXU FL-ISTESS UNITÀ DOMESTIKA (INKLUŻ MIN WIEĠEB)** | Kulħadd |
| HHNBPERS_tot | 0-98 | Numru totali ta' persuni li jgħixu fl-unità domestika | |
| HHNBPERS_0_13 | 0-98 | bejn 0 u 13-il sena | |
| HHNBPERS_14_24 | 0-98 | bejn 14 u 24 sena | |
| HHNBPERS_25plus | 0-98 | 25 sena jew iktar | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| **HHTYPE** | | **IT-TIP TA' UNITÀ DOMESTIKA** | Kulħadd |
| | 10 | Unità domestika b'persuna waħda | |
| | 21 | Ġenitur waħdu b'wild/tfal taħt il-25 sena | |
| | 22 | Koppja mingħajr tfal taħt il-25 sena | |
| | 23 | Koppja b'wild/tfal taħt il-25 sena | |
| | 24 | Koppja jew ġenitur waħdu b'wild/tfal taħt il-25 sena u persuni oħra li jgħixu magħhom | |
| | 30 | Ieħor | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| **HHINCOME** | | **ID-DĦUL NETT EKWIVALIZZAT TA' KULL XAHAR TAL-UNITÀ DOMESTIKA** | Kulħadd |
| | 1 | Taħt l-ewwel kwintil | |
| | 2 | Bejn l-ewwel u t-t-tieni kwintil | |
| | 3 | Bejn it-tieni u t-tielet kwintil | |
| | 4 | Bejn it-tielet u r-raba' kwintil | |
| | 5 | Fuq ir-raba' kwintila | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| **SEX** | | **SESS** | Kulħadd |
| | 1 | Raġel | |
| | 2 | Mara | |
| | | **IS-SENA U X-XAHAR TAT-TWELID** | |
| **BIRTHYEAR** | 4 ċifri | L-4 ċifri tas-sena tat-twelid | Kulħadd |
| **BIRTHMONTH** | 1-12 | Iż-2 ċifri tax-xahar tat-twelid | Kulħadd |
| **CITIZEN** | | **IĊ-ĊITTADINANZA** | Kulħadd |
| | 0 | L-istess bħall-pajjiż tar-residenza | |
| | 2 ċifri | Abbażi tal-klassifika ISO tal-pajjiżi | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| **BIRTHPLACE** | | **IL-PAJJIŻ TAT-TWELID** | Kulħadd |
| | 0 | Imwieled/Imwielda f'dan il-Pajjiż | |
| | 2 ċifri | Abbażi tal-klassifika ISO tal-pajjiżi | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| **RESTIME** | | **IN-NUMRU TA' SNIN TA' RESIDENZA F'DAN IL-PAJJIŻ** | BIRTHPLACE ≠ 0 |
| | 1 | Residenza ta' sena jew inqas | |
| | 2-10 | Numru ta' snin għal persuni li ilhom f'dan il-pajjiż minn 2 sa 10 snin. | |

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| | 11 | Residenza ta' aktar minn 10 snin | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (BIRTHPLACE = 0) | |
| **MARSTADEFACTO** | | **STAT TAŻ-ŻWIEĠ DE FACTO (unjoni konsenswali)** | Kulħadd |
| | 1 | Il-persuna tgħix f'unjoni konsenswali | |
| | 2 | Il-persuna ma tgħixx f'unjoni konsenswali | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| **HATLEVEL** | | **IL-LIVELL EDUKATTIV MIKSUB (l-ogħla livell ta' edukazzjoni jew taħriġ mitmum b'suċċess kif definit mill-ISCED 2011, kodifikar ibbażat fuq l-immeppjar tal-ISCED irid jitwassal lill-Eurostat)** | Kulħadd |
| | 000 | Ebda edukazzjoni formali jew anqas mill-ISCED 1 | |
| | 100 | ISCED 1 | |
| | 200 | ISCED 2 (inklużi l-programmi tal-ISCED 3 b'tul ta' anqas minn sentejn) | |
| | 302 | il-programm tal-ISCED 3 li b'tul ta' sentejn u aktar, sekwenzjali (jiġifieri aċċess għal programm tal-ISCED 3 li jmiss biss) | |
| | 303 | il-programm tal-ISCED 3 b'tul ta' sentejn u aktar, terminali jew aċċess għall-ISCED 4 biss | |
| | 304 | l-ISCED 3 b'aċċess għall- ISCED 5, 6 jew 7 | |
| | 300 | il-programm tal-ISCED 3 b'tul ta' sentejn u aktar, mingħajr distinzjoni possibbli ta' aċċess għal livelli oħra tal-ISCED | |
| | 400 | ISCED 4 | |
| | 500 | ISCED 5 | |
| | 600 | ISCED 6 | |
| | 700 | ISCED 7 | |

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| | 800 | ISCED 8 | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| **HATFIELD** | | **L-OGĦLA LIVELL TA' EDUKAZZJONI JEW TAĦRIĠ MITMUM B'SUĊĊESS** | HATLEVEL = 300 sa 800 |
| | 0000-9998 | Il-Livell 1 tal-klassifikazzjoni tal-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ | |
| | jew *fakultattiv* | *jew subdiviżjonijiet tal-klassifikazzjoni tal-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ* | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (HATLEVEL ≠ 300 sa 800) | |
| **HATYEAR** | | **IS-SENA META NTLAĦAQ B'SUĊĊESS L-OGĦLA LIVELL TA' EDUKAZZJONI JEW TAĦRIĠ** | HATLEVEL ≠ 000, -1 |
| | 4 ċifri | L-erba' numri tas-sena meta nkiseb b'suċċess l-ogħla livell ta' edukazzjoni jew taħriġ | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (HATLEVEL = 000, -1) | |
| **HATVOC** | | **ORJENTAZZJONI TAL-OGĦLA LIVELL TA' EDUKAZZJONI JEW TAĦRIĠ MITMUM B'SUĊĊESS** | HATLEVEL = 300 sa 400 u (REFYEAR — HATYEAR) ≤ 20 |
| | 1 | Edukazzjoni ġenerali | |
| | 2 | Edukazzjoni vokazzjonali | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (HATLEVEL ≠ 300 sa 400 jew (REFYEAR — HATYEAR) > 20 | |
| **DROPEDUC** | | **EDUKAZZJONI JEW TAĦRIĠ FORMALI ABBANDUNAT (programm bl-ogħla livell f'każ ta' diversi programmi abbandunati)** | HATLEVEL ≠ 000, -1 u (REFYEAR — HATYEAR) ≤ 20 |
| | 1 | Iva | |

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| | 2 | Le | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (HATLEVEL= 000, -1 jew (REFYEAR- HATYEAR) > 20) | |
| **DROPEDUCLEVEL** | | **LIVELL TAL-EDUKAZZJONI FORMALI JEW TAĦRIĠ MHUX KOMPLUT** | DROPEDUC = 1 |
| | 100 | ISCED 1 | |
| | 200 | ISCED 2 (inklużi l-programmi tal-ISCED 3 b'tul ta' anqas minn sentejn) | |
| | 302 | il-programm tal-ISCED 3 b'tul ta' sentejn u aktar, sekwenzjali (jiġifieri aċċess għal programm tal-ISCED 3 li jmiss biss) | |
| | 303 | il-programm tal-ISCED 3 b'tul ta' sentejn u aktar, terminali jew aċċess għall-ISCED 4 biss | |
| | 304 | l-ISCED 3 b'aċċess għall-ISCED 5, 6 jew 7 | |
| | 300 | il-programm tal-ISCED 3 b'tul ta' sentejn u aktar, mingħajr distinzjoni possibbli ta' aċċess għal livelli oħra tal-ISCED | |
| | 400 | ISCED 4 | |
| | 500 | ISCED 5 | |
| | 600 | ISCED 6 | |
| | 700 | ISCED 7 | |
| | 800 | ISCED 8 | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (DROPEDUC ≠ 1) | |
| **DROPEDUCVOC** | | **L-ORJENTAZZJONI TAL-EDUKAZZJONI FORMALI JEW TAĦRIĠ MHUX KOMPLUTI** | HATLEVEL = 300 sa 400 u (REFYEAR — HATYEAR) ≤ 20 |
| | 1 | Edukazzjoni ġenerali | |

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| | 2 | Edukazzjoni vokazzjonali | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (DROPEDUCLEVEL ≠ 300 to 400 jew (REFYEAR — HATYEAR) > 20) | |
| **MAINSTAT** | | **L-ISTATUS TAX-XOGĦOL EWLIENI BĦALISSA** | Kulħadd |
| | | Il-persuna għandha impjieg jew professjoni, fiż-żmien tal-intervista inkluż xogħol mingħajr ħlas għal xi negozju jew azjenda tal-familja, inkluż apprendistat jew taħriġ bi ħlas, eċċ.: | |
| | 11 | — Full time | |
| | 12 | — Part time | |
| | 20 | Qiegħed | |
| | 31 | Student, taħriġ avvanzat, esperjenza ta' xogħol bla ħlas | |
| | 32 | Persuna rtirata jew li rtirat kmieni jew refgħet minn negozju | |
| | 33 | Persuna b'diżabilità permanenti | |
| | 34 | F'servizz komunitarju jew militari obbligatorju; | |
| | 35 | Persuna li qed taqdi xogħol tad-dar | |
| | 36 | Persuna mhux attiva oħra | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| **EMP12M** | | **IMPJIEG MATUL L-AĦĦAR 12-IL XAHAR** | HATLEVEL = 20 sa 36 |
| | | Il-persuna għandha impjieg jew professjoni, fi kwalunkwe żmien tul l-aħħar 12-il xahar inkluż xogħol mingħajr ħlas għal xi negozju jew azjenda tal-familja, inkluż apprendistat jew taħriġ bi ħlas, eċċ.: | |

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| | 1 | Iva | |
| | 2 | Le | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (MAINSTAT = 11, 12) | |
| **JOBSTAT** | | **STAT PROFESSJONALI** | MAINSTAT = 11, 12 |
| | 11 | Taħdem għal rasha u bl-impjegati | |
| | 12 | Taħdem għal rasha mingħajr impjegati | |
| | 21 | L-impjegat għandu xogħol permanenti jew kuntratt ta' xogħol għal żmien mingħajr limitu | |
| | 22 | L-impjegat għandu kuntratt ta' xogħol temporanju għal żmien limitat | |
| | 30 | Ħaddiem mal-familja | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (MAINSTAT ≠ 11, 12) | |
| **JOBISCO** | | **XOGĦOL** | MAINSTAT = 11, 12 |
| | 2 ċifri | ISCO-08 ikkodifikat fil-livell ta' 2 ċifri | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (MAINSTAT ≠ 11, 12) | |
| **LOCNACE** | | **ATTIVITÀ EKONOMIKA TAL-UNITÀ LOKALI** | MAINSTAT = 11, 12 |
| | 2 ċifri | NACE Rev.2 ikkodifikat fil-livell ta' 2 ċifri | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (MAINSTAT ≠ 11, 12) | |
| **LOCSIZEFIRM** | | **NUMRU TA' PERSUNI LI JAĦDMU FL-UNITÀ LOKALI** | JOBSTAT = 11, 21, 22, 30 |
| | 1 | minn 1 sa 9 persuni | |

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| | 2 | minn 10 sa 19-il persuna | |
| | 3 | minn 20 sa 49-il persuna | |
| | 4 | minn 50 sa 249 persuna | |
| | 5 | 250 persuna jew aktar | |
| | 7 | Xejn preċiż iżda 10 persuni jew aktar | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (JOBSTAT ≠ 11, 21, 22, 30) | |
| **JOBTIME** | | **IS-SENA LI FIH IL-PERSUNA BDIET TAĦDEM FL-IMPJIEG EWLIENI LI GĦANDHA BĦALISSA** | MAINSTAT = 11, 12 |
| | 4 ċifri | L-4 ċifri tas-sena kkonċernata | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (MAINSTAT ≠ 11, 12) | |
| | | **L-OGĦLA LIVELL TA' EDUKAZZJONI JEW TAĦRIĠ MITMUM B'SUĊĊESS MILL-ĠENITURI (PERSUNA KUSTODJA) TIEGĦEK** | |
| **HATFATHER** | | **MISSIER (PERSUNA KUSTODJA MASKILI)** | Kulhadd |
| | 1 | Mhux aktar minn sekondarju baxx | |
| | 2 | Il-livell sekondarju għoli | |
| | 3 | Terzjarju | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (missier mhux magħruf) | |
| **HATMOTHER** | | **OMM (PERSUNA KUSTODJA FEMMINILI)** | Kulhadd |
| | 1 | Mhux aktar minn sekondarju baxx | |
| | 2 | Il-livell sekondarju għoli | |

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| | 3 | Terzjarju | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (l-omm mhux magħrufa) | |
| | | **ART TWELID IL-ĠENITURI TIEGĦEK** | |
| **BIRTHFATHER** | | **ART TWELID IL-MISSIER** | Kulħadd |
| | 0 | Imwieled/Imwielda f'dan il-Pajjiż | |
| | 2 ċifri | Abbażi tal-klassifika ISO tal-pajjiżi | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (missier mhux magħruf) | |
| **BIRTHMOTHER** | | **PAJJIŻ TAT-TWELID TAL-OMM** | Kulħadd |
| | 0 | Imwieled/Imwielda f'dan il-Pajjiż | |
| | 2 ċifri | Abbażi tal-klassifika ISO tal-pajjiżi | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (l-omm mhux magħrufa) | |

2. **Aċċess għal informazzjoni dwar possibilitajiet ta' tagħlim u gwida**

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| **SEEKINFO** | | **TFITTXET KULL INFORMAZZJONI MARBUTA MAL-POSSIBBILTAJIET TAT-TAGĦLIM F'DAWN L-AĦĦAR 12-IL XAHAR (l-edukazzjoni u t-taħriġ formali u mhux formali)** | Kulħadd |
| | 1 | Iva | |
| | 2 | Le | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| **GUIDEINST** | | **INFORMAZZJONI JEW PARIR/GĦAJNUNA DWAR POSSIBILITAJIET TA' TAGĦLIM LI WASLET MINN ISTITUZZJONIJIET/ORGANIZZAZZJONIJIET F'DAWN L-AĦĦAR 12-IL XAHAR** | Kulħadd |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | | **Lista ta' punti (tista' tingħata iktar minn tweġiba waħda):** | |
| **GUIDEINST_1** | | Iva, jien rċevejt mingħajr ħlas, informazzjoni jew pariri/għajnuna dwar opportunitajiet ta' tagħlim minn istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet | |
| **GUIDEINST_ 2** | | Iva, jien ħallast għal informazzjoni jew parir/għajnuna dwar opportunitajiet ta' tagħlim minn istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet | |
| **GUIDEINST_ 3** | | Le, jien ma rċevejt l-ebda tagħrif jew parir/għajnuna dwar opportunitajiet ta' tagħlim minn istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet | |
| | | Kull varjabbli GUIDEINST_x huwa kkodifikat: 1 jekk magħżul, 2 jekk mhux magħżul, -1 jekk mhemmx tweġiba | |
| **GUIDESOURCE** | | **SORS TA' INFORMAZZJONI JEW PARIRI/GĦAJNUNA DWAR POSSIBILITAJIET TA' TAGĦLIM MINGĦAJR ĦLAS LI WASLET FL-AĦĦAR 12-IL XAHAR** | GUIDEINST_1 = 1 |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (GUIDEINST_1 ≠ 1) | |
| | | **Lista ta' punti (tista' tingħata iktar minn tweġiba waħda):** | |
| **GUIDESOURCE_1** | | Minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni jew ta' taħriġ (skola, kulleġġ, ċentru tal-VET, università, istituzzjoni għat-tagħlim tal-adulti, ċentru ta' validazzjoni) | |
| **GUIDESOURCE_2** | | Minn servizzi ta' impiegi | |
| **GUIDESOURCE_3** | | Mingħand min iħaddem jew organizzazzjonijiet ta' min iħaddem | |
| **GUIDESOURCE_4** | | Minn trejdjunjins jew kunsill dwar ix-xogħol | |

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| **GUIDESOURCE_5** | | Minn istituzzjonijiet oħra/organizzazzjonijiet li jipprovdu informazzjoni jew pariri/għajnuna b'xejn dwar l-opportunitajiet tat-tagħlim (għajr dak imsemmi qabel) | |
| | | Kull varjabbli GUIDESOURCE_x huwa kkodifikat: 1 jekk magħżul, 2 jekk mhux magħżul, — 2 jekk mhux applikabbli (GUIDEINST_1 ≠ 1), -1 jekk ma jkunx hemm tweġiba | |
| **GUIDETYPE** | | **TIP TA' INFORMAZZJONI JEW PARIR/GĦAJNUNA BLA ĦLAS DWAR POSSIBILITAJIET TA' TAGĦLIM LI WASLET FL-AĦĦAR 12-IL XAHAR** | GUIDEINST_1 = 1 |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (GUIDEINST_1 ≠ 1) | |
| | | **Lista ta' punti (tista' tingħata iktar minn tweġiba waħda):** | |
| **GUIDETYPE_1** | | Informazzjoni jew parir/għajnuna dwar possibilitajiet ta' tagħlim | |
| **GUIDETYPE_2** | | Evalwazzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi permezz ta' intervisti, testijiet jew verifiki tal-ħiliet | |
| **GUIDETYPE_3** | | Informazzjoni jew parir/għajnuna dwar proċedura għall- validazzjoni/ir-rikonoxximent tal-ħiliet, il-kompetenzi jew tagħlim minn qabel | |
| **GUIDETYPE_4** | | Tip ieħor ta' informazzjoni jew parir/għajnuna | |
| | | Kull varjabbli GUIDETYPE_x huwa kkodifikat: 1 jekk magħżul, 2 jekk mhux magħżul, — 2 jekk mhux applikabbli (GUIDEINST_1 ≠ 1), -1 jekk ma jkunx hemm tweġiba | |
| **GUIDEMODE** | | **MOD TA' TWASSIL TA' INFORMAZZJONI JEW PARIRI/GĦAJNUNA DWAR POSSIBILITAJIET TA' TAGĦLIM LI WASLU FL-AĦĦAR 12-IL XAHAR** | GUIDEINST_1 = 1 |
| | 0 | Ebda wieħed mill-punti hawn taħt | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (GUIDEINST_1 ≠ 1) | |
| | | **Lista ta' punti (tista' tingħata iktar minn tweġiba waħda):** | |

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| **GUIDEMODE_1** | | L-interazzjoni wiċċ imb' wiċċ | |
| **GUIDEMODE_2** | | L-interazzjoni ma' persuna permezz tal-internet, telefown, e-mail jew kwalunkwe mezzi oħra | |
| **GUIDEMODE_3** | | L-interazzjoni applikazzjoni abbażi tal-kompjuter għal informazzjoni jew pariri/l-għajnuna (inklużi għodda onlajn għal awto-evalwazzjoni) | |
| **GUIDEMODE_4** | | Ebda interazzjoni, informazzjoni permezz ta' materjal iddedikat biss (kotba, posters, websajts, fuljetti, programm tat-TV, eċċ.) | |
| | | Kull varjabbli GUIDEMODE_x huwa kkodifikat: 1 jekk magħżul, 2 jekk mhux magħżul, — 2 jekk mhux applikabbli (GUIDEINST_1 ≠ 1), -1 jekk ma jkunx hemm tweġiba | |

3. **Parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ formali**

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| **FED** | | **PARTEĊIPAZZJONI F'EDUKAZZJONI FORMALI MATUL L-AĦĦAR 12-IL XAHAR** | Kulħadd |
| | 1 | Iva | |
| | 2 | Le | |
| **FEDNUM** | | **GĦADD TA' ATTIVITAJIET TA' EDUKAZZJONI FORMALI LI ĦADT SEHEM FIHOM FL-AĦĦAR 12-IL XAHAR** | Kulħadd |
| | 0 | Xejn (FED = 2) | |
| | 1-99 | Għadd ta' attivitajiet | |
| **FEDLEVEL** | | **IL-LIVELL TAL-AKTAR ATTIVITÀ TA' EDUKAZZJONI FORMALI RIĊENTI** | FEDNUM ≥ 1 |
| | 100 | ISCED 1 | |
| | 200 | ISCED 2 (inklużi l-programmi tal-ISCED 3 b'tul ta' anqas minn sentejn) | |
| | 302 | il-programm tal-ISCED 3 b'tul ta' sentejn u aktar, sekwenzjali (jiġifieri aċċess għal programm tal-ISCED 3 li jmiss biss) | |

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| | 303 | il-programm tal-ISCED 3 b'tul ta' sentejn u aktar, terminali jew aċċess għall-ISCED 4 biss | |
| | 304 | l-ISCED 3 b'aċċess għall- ISCED 5, 6 jew 7 | |
| | 300 | il-programm tal-ISCED 3 b'tul ta' sentejn u aktar, mingħajr distinzjoni possibbli ta' aċċess għal livelli oħra tal-ISCED | |
| | 400 | ISCED 4 | |
| | 500 | ISCED 5 | |
| | 600 | ISCED 6 | |
| | 700 | ISCED 7 | |
| | 800 | ISCED 8 | |
| | -2 | Mhux applikabbli (FEDNUM = 0) | |
| **FEDFIELD** | | **IL-QASAM TAL-AKTAR ATTIVITÀ RIĊENTI TA' EDUKAZZJONI FORMALI** | FEDNUM ≥ 1 u FEDLEVEL = 300 sa 800 |
| | 0000-9998 | Il-Livell 1 tal-klassifikazzjoni tal-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ | |
| | jew *fakultattiv* | *jew subdiviżjonijiet tal-klassifikazzjoni tal-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ* | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (FEDNUM = 0 jew FEDLEVEL ≠ 300 sa 800 | |
| **FEDVOC** | | **L-ORJENTAZZJONI TAL-AKTAR ATTIVITÀ RIĊENTI TA' EDUKAZZJONI FORMALI** | FEDLEVEL = 300 sa 400 |
| | 1 | Edukazzjoni ġenerali | |
| | 2 | Edukazzjoni vokazzjonali | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (FEDLEVEL ≠ 300 sa 400) | |

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| **FEDSTARTYEAR** | | **IS-SENA META TKUN BDIET L-ORJENTAZZJONI TAL-AKTAR ATTIVITÀ RIĊENTI TA' EDUKAZZJONI FORMALI** | FEDNUM ≥ 1 |
| | 4 ċifri | Is-sena meta tkun bdiet l-orjentazzjoni tal-aktar attività riċenti ta' edukazzjoni formali | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (FEDNUM = 0) | |
| **FEDSTARTMONTH** | | **IX-XAHAR META BDIET L-AKTAR ATTIVITÀ RIĊENTI TA' EDUKAZZJONI FORMALI** | FEDNUM ≥ 1 |
| | 1-12 | Ix-xahar meta bdiet l-aktar attività riċenti ta' edukazzjoni formali | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (FEDNUM = 0) | |
| **FEDCOMP** | | **TKOMPLIJA TAL-AKTAR ATTIVITÀ TA' EDUKAZZJONI FORMALI RIĊENTI** | FEDNUM ≥ 1 |
| | 1 | Le, jien tlaqt qabel it-tmiem mistenni | |
| | 2 | Le, għadni għaddej | |
| | 3 | Iva, jien spiċċajtha | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (FEDNUM = 0) | |
| **FEDDIST** | | **L-AKTAR ATTIVITÀ RIĊENTI TA' EDUKAZZJONI FORMALI ORGANIZZATA BĦALA TAGĦLIM MILL-BOGĦOD** | FEDNUM ≥ 1 |
| | 1 | Iva | |
| | 2 | Le | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (FEDNUM = 0) | |
| **FEDDISTOL** | | **TAGĦLIM MILL-BOGĦOD ORGANIZZAT BĦALA KORS ONLAJN** | FEDDIST = 1 |
| | 1 | Iva | |

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| | 2 | Le | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (FEDDIST ≠ 1) | |
| **FEDOERA** | | **L-UŻU TA' RIŻORSI EDUKATTIVI ONLAJN GĦALL-AKTAR ATTIVITÀ TA' EDUKAZZJONI FORMALI RIĊENTI** | FEDNUM ≥ 1 |
| | 1 | Spiss ħafna | |
| | 2 | Spiss | |
| | 3 | Ġieli | |
| | 4 | Qatt | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (FEDNUM = 0) | |
| **FEDOERB** | | **INTERAZZJONI MA' NIES OĦRA (EŻ. GĦALLIEMA, STUDENTI) PERMEZZ TA' PORTALI EDUKATTIVI/WEBSAJTS GĦALL-AKTAR ATTIVITÀ TA' EDUKAZZJONI FORMALI RIĊENTI** | FEDNUM ≥ 1 |
| | 1 | Iva | |
| | 2 | Le | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (FEDNUM = 0) | |
| **FEDREASON** | | **IR-RAĠUNIJIET GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI FL-AKTAR ATTIVITÀ RIĊENTI TA' EDUKAZZJONI FORMALI** | FEDNUM ≥ 1 |
| | 0 | Ebda wieħed mill-punti hawn taħt | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (FEDNUM = 0) | |
| | | **Lista ta' punti (tista' tingħata iktar minn tweġiba waħda):** | |
| **FEDREASON_ 01a** | | Biex nagħmel xogħli aħjar | |

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| **FEDREASON_ 01b** | | Biex intejjeb il-prospetti tal-karriera tiegħi | |
| **FEDREASON_02** | | Biex ikolli inqas ċans nitlef xogħli | |
| **FEDREASON_03** | | Biex inżid il-possibbiltajiet tiegħi li nsib xogħol, jew li nibdel l-impjieg/il-professjoni | |
| **FEDREASON_04** | | Biex niftaħ negozju għar-rasi | |
| **FEDREASON_05** | | Kont obbligat nieħu sehem | |
| **FEDREASON_06** | | Biex nikseb l-għarfien/il-ħiliet li huma utli għall-ħajja ta' kuljum | |
| **FEDREASON_07** | | Biex inżid l-għarfien/il-ħiliet tiegħi dwar suġġett li jinteressani | |
| **FEDREASON_08** | | Biex nikseb ċertifikat | |
| **FEDREASON_09** | | Biex niltaqa' ma nies ġodda/għad-divertiment | |
| | | Kull varjabbli FEDREASON_x huwa kkodifikat: 1 jekk magħżul, 2 jekk mhux magħżul, -2 jekk mhux applikabbli (FEDNUM = 0), -1 jekk mhemmx tweġiba | |
| **FEDWORKTIME** | | **L-AKTAR ATTIVITÀ RIĊENTI TA' EDUKAZZJONI FORMALI WAQT IL-ĦINIJIET TAX-XOGĦOL IMĦALLSA (INKLUŻ LIV JEW RIKUPERAZZJONI BI ĦLAS)** | FEDNUM ≥ 1 |
| | 1 | Matul is-sigħat ta' xogħol bi ħlas biss | |
| | 2 | L-aktar matul is-sigħat ta' xogħol bi ħlas | |
| | 3 | L-aktar barra s-sigħat ta' xogħol bi ħlas | |
| | 4 | Barra s-sigħat ta' xogħol bi ħlas biss | |
| | 5 | Ma kontx naħdem dak iż-żmien | |
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (FEDNUM = 0) | |
| **FEDNBHOURS** | | **IN-NUMRU TOTALI TA' SIGĦAT TA' TAGĦLIM TAL-AKTAR ATTIVITÀ TA' EDUKAZZJONI FORMALI RIĊENTI** | FEDNUM ≥ 1 |
| | 1-9999 | Għadd totali ta' sigħat ta' tagħlim | |

| Isem il-varjabbli | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | Filtru |
|---|---|---|---|
| | -1 | Ebda tweġiba | |
| | -2 | Mhux applikabbli (FEDNUM = 0) | |
Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istati Membri msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2014 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Lowri EVANS

*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2014, p. 1).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 59/TQ43 |
| Stat Membru | L-Isvezja |
| Stokk | POK/04-N. |
| Speċi | Pollakkju iswed (*Pollachius virens*) |
| Żona | L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N |
| Data tal-għeluq | 6.10.2014 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1179/2014

## tat-30 ta' Ottubru 2014

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-bakkaljaw fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Isvezja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ([2]) jistabbilixxi l-kwoti għall-2014.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2014.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istati Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2014 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Lowri EVANS

*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2014, p. 1).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 60/TQ43 |
| Stat Membru | L-Isvezja |
| Stokk | COD/04-N. |
| Speċi | Bakkaljaw (*Gadus Morhua*) |
| Żona | L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N |
| Data tal-għeluq | 6.10.2014 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1180/2014

## tat-30 ta' Ottubru 2014

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-bakkaljaw fiż-żona VIIa minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ([2]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2014.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2014.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

### Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istati Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2014 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

### Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Lowri EVANS

*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2014, p. 1).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 61/TQ43 |
| Stat Membru | L-Irlanda |
| Stokk | COD/07 A. |
| Speċi | Bakkaljaw (*Gadus morhua*) |
| Żona | VIIa |
| Data tal-għeluq | 2.10.2014 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1181/2014

## tat-30 ta' Ottubru 2014

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-rebekkini u r-raj fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ([2]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2014.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2014.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

### Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2014 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

### Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Lowri EVANS

*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2014, p. 1).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 64/TQ43 |
| Stat membru | Il-Belġju |
| Stokk | SRX/67AKXD |
| Speċi | Rebekkini u raj (*Rajiformes*) |
| Żona | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k |
| Data tal-għeluq | 11.10.2014 |

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1182/2014**

**tat-30 ta' Ottubru 2014**

**li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-rebekkini u r-raj fl-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żoni VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Pajjiżi l-Baxxi**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ([2]) jistabbilixxi l-kwoti għall-2014.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera jew irreġistrati fl-Istat Membru msemmi hemmhekk, eżawrew il-kwota allokata għall-2014.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2014 allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi fl-istess Anness, għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata fl-istess l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, li jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Lowri EVANS

*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2014, p. 1).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 67/TQ43 |
| Stat Membru | Il-Pajjiżi l-Baxxi |
| Stokk | SRX/67AKXD |
| Speċi | Rebekkini u raj (*Rajiformes*) |
| Żona | L-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żoni VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k |
| Data tal-għeluq | 16.10.2014 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1183/2014

## tat-30 ta' Ottubru 2014

## li jistabbilixxi projbizzjoni għas-sajd għal-lingwata komuni fiż-żona VIIa minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ([2]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2014.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2014.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2014 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, jiġi ttrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Lowri EVANS

*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2014, p. 1).

*ANNESSI*

| | |
|---|---|
| Nru | 68/TQ43 |
| Stat membru | Il-Belġju |
| Stokk | SOL/07 A. |
| Speċi | Lingwata komuni (*Solea solea*) |
| Żona | VIIa |
| Data tal-għeluq | 21.10.2014 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1184/2014

## tat-30 ta' Ottubru 2014

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-pollakkju iswed fiż-żoni IIIa u IV; fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa, IIIb, IIIc, u fis-Sottodiviżjonijiet 22-32 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Isvezja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ([2]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2014.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament li saru minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2014.

(3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2014 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art ħut minn dak l-istokk li jaqbdu dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Lowri EVANS

*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2014, p. 1).

*ANNESSI*

| | |
|---|---|
| Nru | 65/TQ43 |
| Stat membru | L-Isvezja |
| Stokk | POK/2A34. |
| Speċi | Pollakkju iswed (*Pollachius virens*) |
| Żona | Iż-żoni IIIa u IV; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa, IIIb, IIIc u s-Sottodiviżjonijiet 22-32 |
| Data tal-għeluq | 20.10.2014 |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1185/2014**

**tat-3 ta' Novembru 2014**

**li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Novembru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 55,3 |
| | MA | 90,6 |
| | MK | 57,9 |
| | ZZ | 67,9 |
| 0707 00 05 | AL | 71,2 |
| | JO | 193,6 |
| | TR | 126,5 |
| | ZZ | 130,4 |
| 0709 93 10 | MA | 43,5 |
| | TR | 137,0 |
| | ZZ | 90,3 |
| 0805 50 10 | AR | 72,8 |
| | TR | 86,7 |
| | UY | 29,5 |
| | ZZ | 63,0 |
| 0806 10 10 | BR | 292,5 |
| | LB | 283,5 |
| | MD | 36,9 |
| | PE | 351,3 |
| | TR | 146,2 |
| | US | 400,6 |
| | ZZ | 251,8 |
| 0808 10 80 | BA | 34,8 |
| | BR | 51,7 |
| | CA | 88,6 |
| | CL | 86,8 |
| | NZ | 145,5 |
| | US | 231,6 |
| | ZA | 139,5 |
| | ZZ | 111,2 |
| 0808 30 90 | CN | 75,3 |
| | TR | 99,6 |
| | ZZ | 87,5 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1186/2014**

**tat-3 ta' Novembru 2014**

**li jistabbilixxi d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-4 ta' Novembru 2014**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 183 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 ([2]) jipprevedi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1001 11 00, 1001 19 00, dak li kien il-kodiċi ex 1001 91 20 [il-qamħ komuni għaż-żrigħ], dak li kien il-kodiċi ex 1001 99 00 [il-qamħ komuni ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ], 1002 10 00, 1002 90 00, 1005 10 90, 1005 90 00, 1007 10 90 u 1007 90 00, id-dazju tal-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni tagħhom, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni tas-CIF applikabbli għall-kunsinna kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata tad-dazju tat-Tariffa Doganali Komuni.

(2) L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 jipprevedi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu, kull tant żmien għandhom jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi tal-importazzjoni tas-CIF għall-prodotti kkonċernati.

(3) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, il-prezz tal-importazzjoni li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dak ir-Regolament huwa l-prezz rappreżentattiv tal-importazzjoni tas-CIF tal-ġurnata stabbilit skont il-metodu previst fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

(4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji tal-importazzjoni għall-perjodu li jibda fl-4 ta' Novembru 2014, li jkunu applikabbli sa ma jidħlu fis-seħħ dazji tal-importazzjoni ġodda.

(5) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Mill-4 ta' Novembru 2014, id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament abbażi tal-fatturi msemmija fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Novembru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Id-Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar id-dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali (ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5).

*ANNESS I*

**Id-dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 li japplikaw mill-4 ta' Novembru 2014**

| Il-Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | Dazju tal-importazzjoni [1] (EUR/t) |
|---|---|---|
| 1001 11 00 | QAMĦ durum għaż-żrigħ | 0,00 |
| 1001 19 00 | QAMĦ durum ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ | 0,00 |
| | ta' kwalità medja minbarra dak għaż-żrigħ | 0,00 |
| | ta' kwalità baxxa minbarra dak għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 91 20 | QAMĦ komuni għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 99 00 | QAMĦ komuni ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 10 00 | SEGALA għaż-żrigħ | 4,49 |
| 1002 90 00 | SEGALA minbarra dik għaż-żrigħ | 4,49 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra l-qamħirrum ibridu | 4,49 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM minbarra dak għaż-żrigħ [2] | 4,49 |
| 1007 10 90 | SORGU tal-qamħ minbarra dak ibridu għaż-żrigħ | 4,49 |
| 1007 90 00 | SORGU tal-qamħ minbarra dak għaż-żrigħ | 4,49 |

(1) Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fid-dazji ta':
— EUR 3 għal kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt ikun jinsab fil-Baħar Mediterran (lil hinn mill-Istrett ta' Ġibiltà) jew fil-Baħar l-Iswed u jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Oċean Atlantiku jew permezz tal-Kanal ta' Suez,
— EUR 2 għal kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt ikun jinsab fid-Danimarka, fl-Estonja, fl-Irlanda, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja, fir-Renju Unit jew mal-kosta tal-Atlantiku tal-Peniżola Iberika u jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Oċean Atlantiku.

(2) L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 għal kull tunnellata jekk jitħarsu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 642/2010.

*ANNESS II*

**Fatturi ghall-kalkolu tad-dazji stabbiliti fl-anness I**

1. Il-prezzijiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

*(EUR/t)*

| | Qamħ komuni [1] | Qamħirrum |
|---|---|---|
| Il-Borża | ta' Minneapolis | ta' Chicago |
| Kwotazzjoni | 179,86 | 112,48 |
| Primjum fuq il-Golf | — | 25,89 |
| Primjum fuq l-Għadajjar il-Kbar | 68,56 | — |

[1] Primjum pożittiv ta' 14-il euro għal kull tunnellata inkorporata (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).

2. Il-prezzijiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

| | |
|---|---|
| Spejjeż għat-trasport: Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam | 13,71 EUR/t |
| Spejjeż għat-trasport: L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam | 48,85 EUR/t |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-30 ta' Ottubru 2014**

**li tagħti derogi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja fir-rigward tal-Belġju, l-Irlanda, Franza, Malta, u l-Finlandja**

*(notifikata bid-dokument C(2014) 7865)*

**(It-testi bl-Olandiz, bl-Ingliż, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Malti u bl-Isvediż biss huma awtentiċi)**

(2014/773/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja ([1]), u partikolarment l-Artikolu 6(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-talbiet mir-Renju tal-Belġju, l-Irlanda, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika tal-Finlandja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika Ewropea dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja. Dan japplika għall-produzzjoni ta' statistika dwar il-parteċipazzjoni ta' adulti fit-tagħlim tul il-ħajja.

(2) L-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 452/2008 jipprevedi li, jekk meħtieġ, jistgħu jiġu adottati derogi limitati għall-Istati Membri, sakemm ikunu msejsa fuq raġunijiet oġġettivi.

(3) Ir-Renju tal-Belġju, l-Irlanda, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika tal-Finlandja ressqu talbiet għal derogi minħabba l-ħtieġa għal adattamenti importanti fis-sistemi statistiċi nazzjonali tagħhom sabiex jikkonformaw b'mod sħiħ mar-Regolament (KE) Nru 452/2008.

(4) Għalhekk dawn id-derogi għandhom jingħataw lill dawk l-Istati Membri.

(5) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Irlanda, il-ġbir tad-dejta għall-ewwel stħarriġ dwar il-parteċipazzjoni jew le tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja (minn hawn 'il quddiem "it-Tieni Stħarriġ dwar l-Edukazzjoni tal-Adulti") għandu jsir bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2017. Il-perjodu ta' referenza li għalih se tinġabar id-dejta dwar il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għandu jkun it-12-il xahar qabel l-intervista.

([1]) ĠU L 145, 4.6.2008, p. 227.

Fi Franza u fil-Finlandja, il-ġbir tad-dejta għat-Tieni Stħarriġ dwar l-Edukazzjoni tal-Adulti għandu jsir bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Ġunju 2017. Il-perjodu ta' referenza li għalih se tinġabar id-dejta dwar il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għandu jkun it-12-il xahar qabel l-intervista.

Il-Belġju u Malta għandhom jittrażmettu fajls tal-mikrodejta nodfa fir-rigward tat-Tieni Stħarriġ dwar l-Edukazzjoni tal-Adulti lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien disa' xhur wara tmiem il-perjodu nazzjonali tal-ġbir tad-dejta.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lill-Irlanda, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika ta' Malta u lir-Repubblika tal-Finlandja.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

Algirdas ŠEMETA

*Membru tal-Kummissjoni*

**RETTIFIKA**

**Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej L 179 tat-23 ta' Ġunju 1998)*

*(Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 4, Volum 3)*

It-titolu tad-Deċiżjoni fil-paġna tal-Werrej u fil-paġna 260:

*minflok:* "Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu (98/392/KE)";

*aqra:* "Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tagħha (98/392/KE)".

F'paġna 260, l-ewwel premessa:

*minflok:* "Billi l-Komunità Ewropea hija firmatarja tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (minn issa 'l quddiem imsejħa 'l-Konvenzjoni') u tal-Ftehim li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim');";

*aqra:* "Billi l-Komunità Ewropea hija firmatarja tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (minn issa 'l quddiem imsejħa 'l-Konvenzjoni') u tal-Ftehim li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tagħha (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim');".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT